**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Mejju, 2021**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 575/2011**

**Percius Car Hire Limited**

**vs**

**Juanita Fenech u**
**b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2011**
**gie kjamat fil-kawza Mario Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-16 ta' Gunju, 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici hija kumpanija li ilha fis-settur ta' kiri u 'leasing' ta' karozzi, kif ukoll ta' diversi servizzi ohra ghal bosta snin u hija kumpanija li hi ben risaputa gewwa pajjizna;

2. Illi s-socjeta attrici tivvanta li llum il-gurnata l-flotta ta' vetturi appartenenti lis-socjeta attrici hija wahda numeruza;

3. IIli s-socjeta attrici tippremetti li hija l-proprjetarja tal-vettura Peugeot 207cc, bin-numru tar-registrazzjoni EBK637 tal-kulur perla, u dan kif jirrizulta minn kopja tal-log book relattiv, hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. 'A';

4. IIli l-vettura EBK637 inxtrat mis-socjeta attrici minghand Michael Attard Ltd nhar id-29 ta' Mejju tas-sena 2007 kif jindika ben tajjeb l-anness kuntratt esebit u mmarkat Dok. 'B';

5. Illi l-vettura in kwistjoni kienet inghatat ghall-uzu tal-intimata, li hija mizzewga lil wiehed mill-azzjonisti tas-socjeta attrici, li mieghu ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni personali, sakemm din tkun permessa mis-socjeta attrici, izda din il-vettura giet rikjamata mis-socjeta attrici. Il-vettura de quo, ma gietx ritornata lis-socjeta attrici, u ilha hekk fil-pussess tal-intimata ghal diversi xhur u dan il-fatt qieghed jikkawza lis-socjeta attrici danni konsiderevoli stante l-fatt li l-vettura in kwistjoni ma tistax tigi mikrija lil terzi, kif vettura tal-istess tip tkun solitament destinata;

6. Illi saru diversi interpellazzjonijiet da parti tas-socjeta attrici, inkluz Protest Gudizzjarju, esebit, anness u mmarkat Dok. 'C' u Mandat ta' Qbid bin-numru 732/11, esebit, anness u mmarkat Dok. 'D', sabiex il-vettura in kwistjoni tigi moghtija lura mill-intimata lis-socjeta attrici, imma stante li l-intimata rrifjutat b'mod assolut li taghmel dan, anke sahansitra kisret ordni mahruga mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, il-vettura in kwistjoni ghada ma gietx moghtija lura lis-socjeta attrici u ghaldaqstant kellha tigi ntavolata s-segwenti kawza;

7. Illi nonostante li gie ntavolat Mandat ta' Qbid bin-numru 732/11, liema Mandat ta' Qbid l-ezekuzzjoni tal-Mandat de quo ma sehhx minhabba oggezzjoni da parti tal-Prokuratrici Legali Juanita Fenech u ghaldaqstant gie ntavolat rikors fl-atti tal-istess Mandat ta' Qbid numru 732/11 minhabba d-disprezz muri lejn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi s-socjeta attrici harget lill-intimata diversi fatturi ghax-xhur ta' Settembru 2010, Ottubru 2010, Novembru 2010, Dicembru 2010, Jannar 2011, Frar 2011, Marzu 2011, April 2011, u Mejju 2011 ghal ammont ta' hmistax-il elf, tmien mija u erbgha u tletin ewro (€15,834.00) taxxa tal-valur mizjud inkluza, dokumenti esebiti, annessi u mmarkata minn Dok. 'E' sa Dok. 'K' - jigi precizat li dawn il-fatturi ikopru l-perjodu minn meta intalbet il-vettura lura 'l quddiem, u mhux ghall-perjodu ta' qabel fejn l-uzu tal-vettura de quo da parti tal-intimata kien fil-fatt permess u tollerat;

9. Illi din ic-cifra tirraprezenta l-ammont ta' tmienja u hamsin ewro (€58), VAT inkluza sa mill-gurnata li l-intimata ghandha fil-pussess taghha il-vettura in kwistjoni;

10. Illi matul il-perjodu li l-intimata ghandha fil-pussess taghha l-vettura EBK637, minhabba traskuragni tal-intimata inhargu diversi citazzjonijiet lil vettura EBK637 u li fil-verita dawn il-kontravenzjonijiet trid taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta attrici, dawn il-kontravenzzjonijiet li s-socjeta attrici hi a konoxxenza taghhom sal-gurnata tallum huma indikati fl-anness dokument mmarkat Dok. 'L';

11. Illi l-ammont f'kontravenzzjonijiet li s-socjeta attrici hi a konoxxenza taghhom sal-gurnata tallum jammontaw ghal tlett mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€372.44);

12. Illi nhar l-4 ta' April tas-sena 2011, l-intimata kienet involuta f'incident awtomobilistiku bl-imsemmija vettura u dan il-fatt kompla jippregudika l-posizzjoni tas-socjeta attrici stante li d-danni sofferti minnhom komplew jikbru; id-danni li garrbet il-vettura kawza ta' dan l-incident ghadhom ma gewx stmati minn 'surveyor' awtorizzat u licenzjat sabiex jaghmel dan stante li l-Mandat ta' Qbid numru 732/11 li gie akkordat sabiex issir l-elevazzjoni tal-vettura in kwistjoni ma giex ezegwit u

ghaldaqstant ma setghax isir 'survey report' tad-danni kawzati wara l-incident awtomobilistiku;

13. Illi l-fatt tal-kaz huwa ta' konoxxenza diretta lis-socjeta attrici;

14. Illi l-intimata giet interpellata inutilment biex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti u ghalhekk kellhom isiru l-prezenti proceduri.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-intimata responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici sa mill-gurnata li l-intimata kellha fil-pussess taghha l-vettura Peugeot 207cc EBK637, tal-kulur perla, liema danni qeghdin jikkawzaw pregudizzju sostanzjali lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmienja u hamsin ewro (€58) mill-gurnata li l-vettura intalbet lura mill-intimata sad-data tar-ritorn effettiv.

3. Tikkundanna lill-intimata thallas dik is-somma rapprezentanti citazzjonijiet li gew mahruga lil vettura Peugeot 207cc, numru EBK637 sa mill-gurnata li l-intimata kellha fil-pussess taghha l-vettura sad-data tar-ritorn effettiv.

4. Tikkundanna lill-intimata thallas dik is-somma rapprezentanti hsarat li gew ikkagunati fuq il-vettura konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li garrbet il-vettura meta kienet fil-pussess tal-intimata inkluz il-hlas tal-excess dovut lil kumpanija ta' assikurazzjoni u hsarat ohra li garrbet il-vettura de quo sa mill-gurnata li l-vettura ilha fil-pussess tal-intimata.

5. Tikkundana lill-intimata thallas lis-socjeta attrici responsabbli ghal kull dannu iehor li s-socjeta attrici tista' issofri bhala rizultat tal-inadempjenza tal-intimata.

6. Tordna lill-intimata, fi zmien qasir u perentorju, sabiex tirritorna l-vettura de quo lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u interessi legali, inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji konnessi ma' din il-procedura, kontra l-intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Juanita Fenech li tghid hekk:

1. Illi ghadu jirrizulta mill-provi f'din il-kawza, illi din l-azzjoni hija imsejsa fuq l-allegazzjoni inveritjera illi l-vettura meritu tal-kawza EBK637 tappartjeni lis-socjeta attrici mentri fil-verita din il-vettura giet akkwistata minn zewgt l-eccipjenti, Mario Fenech, direttur tas-socjeta attrici u li kontra tieghu l-esponenti istitwiet proceduri ta' separazzjoni, u tappartjeni ghalhekk lill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha. Il-vettura giet biss registrata f'isem is-socjeta attrici ghar-ragunijiet fiskali u finanzjarji. Illi ghalhekk it-talbiet kollha f'din il-kawza huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. B'zieda mal-ewwel eccezzjoni, fir-rigward tal-ewwel talba huwa eccepit;

a. Illi d-dikjarazzjoni mitluba ma hiex cara billi l-vettura ilha fil-pussess tal-eccipjenti minn dak inhar illi nxtrat - ovvjament ghaliex mill-konjugi Fenech ghall-uzu tal-eccipjenti - u l-bicca l-kbira tad-"Danni" allegati huma preskritti.
b. Illi l-vettura inghatat fil-pussess tal-eccipjenti minn zewgha, illi ghalhekk ghandu jigi imsejjah f'din il-kawza.
c. Illi jekk l-allegazzjoni tal-proprjeta sostenuta mis-socjeta attrici ghandha tigi emnuta, l-istess socjeta attrici ghandha ticcara b'liema titolu din il-vettura giet originarjament konsenjata minnha lill-eccipjenti u meta u b'liema mod guridikament rikonnoxxut, dan it-titolu inbidel jew spicca biex ta lok ghal din l-azzjoni.
d. Illi l-fatturi mahruga lill-eccipjenti ghall-hlas ta' kera u ezebiti mis-socjeta attrici jissovvertu din it-talba ghaliex l-allegazzjoni implicita ta l-esistenza ta' kirja teskludi l-allegazzjoni ta' pussess illiecitu illi huwa centrali ghat-talbiet attrici.

3. B'zieda mal-ewwel eccezzjoni, fir-rigward tat-tieni talba huwa eccepit;
a. Illi qeghda tintalab il-kundanna tal-eccipjenti illi thallas danni minnghajr ma qeghda tintalab ebda likwidazzjoni.
b. Illi s-somma mitluba bhala danni ghandha tigi gustifikata.
c. Illi s-somma riklama bhala danni f'din it-talba hija deskritta bhala kera fil-fattturi ezebiti mis-socjeta' attrici.
d. Illi kontestwalment mal-prezentata ta' din il-kawza, is-socjeta attrici otteniet il-hrug ta' mandat ta' qbid illi bis-sahha tieghu il-vettura giet elevata u moghtija fil-pussess tal-konsenjatarju mahtur fuq talba tas-socjeta attrici. Oltre l-fatt illi l-eccipjenti ma ghandhiex tirrispondi ghaz-zmien illi din il-vettura kienet hekk fil-pussess tal-konsenjatarju, tirrileva illi l-hrug tal-mandat jissoverti l-allegazzjoni illi l-pussess tal-vettura mill-eccipjenti huwa dannuz ghall-attrici u jsostni s-sottomissjoni tal-eccipjenti illi l-vettura tappartjeni lilha u lil zewgha billi kien jkun kontro-sens ghall-attrici illi tizgura l-pretenzjoni ta' danni fuq gid taghha stess.

4. Illi t-tielet talba hija accettata limitatament ghal dawk ii-multi illi jirrigwardaw kontravenzzjonijiet illi gew kawzati esklussivament minn xi nuqqas tal-eccipjenti, imhallsa mis-socjeta attrici u li ma gewx rezi aktar oneruzi minn-nuqqasijiet tas-socjeta attrici.

5. Illi ir-raba’ talba ma hiex cara billi safejn taf l-eccipjenti, is-socjeta attrici giet rimborzata mill-assikurazzjoni taghha - ghalhekk ir-riferenza ghal excess f'dik it-talba - ghad-danni kawzati fl-imsemmi incident; Inoltre fir-rigward id-danni kawzati f'dak l-incident u danni ohra li s-socjeta attrici qeghda timmagina li soffriet il-vettura, jigi rilevat illi d-danni naxxenti minn incident awtomobilistiku huma akwiljani u ghandhom jigu rimborzati lill-proprjetarju tal-oggett dannegjat mill-persuna responsabbli ghall-incident u mhux mid-detentur tal-vettura.

6. Illi l-hames talba ma hiex cara u in effett tikkostitwixxi talba ghall-hlas ta' danni incerti u ipotetici.

7. Illi s-sitt talba hija opposta peress illi l-vettura, kif inghid, tappartjeni lill-eccipjenti u lill-imsemmi zewgha Mario Fenech.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Fenech li tghid hekk:

1. Illi l-esponent gie awtorizzat jressaq ir-risposta guramentata tieghu ghat-talbiet attrici fid-19 ta Gunju 2012.
2. Illi kienet l-intimata Juanita Fenech li talbet il kjamata fil kawza tal-esponent u ghalhekk qed iressaq din ir risposta guramentata.
3. Illi preliminarjament il-gudizzju kien integru minghajr il htiega li jigi kjamat fil kawza, stante li, kif jirrizulta fit-trattazzjoni, l-agir tal-intimata Juanita Fenech li irrendiha responsabbli ghad-danni u spejjez, kien agir nociv, illegali u abbusiv u li ma jistax ghalhekk jorbot jew jinkombi fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taghhom. Ghalhekk ghandu jigi Iiberat mill-gudizzju.
4. Illi fil-mertu hu jaqbel mal fatti dikjarati fir-rikors guramentat, rigward uzu abbusiv, hsarat u nuqqasijiet tal-konvenuta Juanita Fenech Ii ikkagunaw danni lis-socjeta attrici kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u li ghalihom l-istess Juanita Fenech ghandha tinzamm unikament responsabbli.
5. Illi ghalhekk Juanita Fenech ghandha tinzamm unikament responsabbli ghad-danni, u ghall-ispejjez kollha pretizi mis-socjeta attrici li gew ikkagunati minnha wahidha, b'mod abbusiv u lesiv tad-drittijiet tal-esponent u tas-socjeta attrici.
6. Illi minghajr pregiudizzju il-vettura kienet fil-pussess esklussiva tal-intimata Juanita Fenech u l-esponent ma kellux access ghall-istess kif jirrizulta wkoll fit-trattazzjoni.
7. IlIi hu ma ghandu jbati ebda spejjez tal-kawza odjerna u tal-proceduri inkorsi imsemmija fir-fikors guramentat.
8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti, ir-rapport peritali u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici li topera fil-kiri ta' vetturi qed titlob lil konvenuta thallasha ghall-uzu ta' vettura EBK637 li solitament f'cirkostanzi normali tkun mikrija u dan mill-15 ta' Settembru 2010 sad-data tar-ritorn taghha bir-rata ta' €58 kuljum; thallas ghal kontravenzjonijiet tas-sewqan li ghalihom inhargu citazzjonjiet fl-ammont ta' €372.44; thallas ukoll ghal hsara li ikkagunat lil vettura f'incident tat-traffiku.

Il-konvenuta tirrispondi li l-vettura tappartjeni lir-ragel taghha Mario Fenech li ghaddejjjin minn proceduri ta' separazzjoni personali u ghalhekk tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Giet registrata fuq il-kumpanijia ghar-ragunijiet fiskali u finanzjarji. B'zieda ma' dan il-konvenuta tghid li l-vettura ilha fil-pussess taghha mindu inxtrat u l-bicca l-kbira tad-danni huma preskritti. Hi tghid ukoll li s-socjeta attrici trid ticcara b'liema titolu giet orginarjament konsenjata l-vettura lil konvenuta u

kif dan spicca, meta l-fatturi mahruga juru kirja li teskludi pussess illecitu. Hi issostni li inhareg mandat ta' qbid kontriha li bis-sahha tieghu l-vettura giet elevata u moghtija f'idejn konsenjatarju. Hi ma ghandhiex tirrispondi minn din l-eventwalita l-quddiem. Rigward il-kontravenzjonijiet il-konvenuta tirrispondi biss ghal dawk kawzati b'nuqqas taghha biss. In kwantu ghat-talba dwar il-hsarat fil-vettura dawn jirrispondi ghalihom min hu responsabbli ghall-incident mhux id-detentur tal-vettura.

Zewgha Mario Fenech li gie imsejjah fil-kawza jsostni li l-vettura tappartjeni lis-socjeta u jikkonferma t-talbiet attrici. Izid li l-vettura kienet fil-pussess esklussiv tal-konvenuta u hu ma kellu ebda access ghaliha.

**Provi**

Alex Fenech direttur tas-socjeta attrici jghid li s-socjeta kellha bzonn karozza convertible ghal kiri u inxtrat f'Gunju 2007. Kien jiehu hsieb il-finanzi u x-xiri sar mis-socjeta attrici minghand il-kumpanija venditrici Michael Attard Limited. Ipprezenta sett dokumenti ta' kiri tal-vettura u l-invoice u hlas (fol. 115 et seq. tal-process) li jkopru mill-2007 sal-2010 b'kollox tlettax-il kirja. Hu qabel li l-karozza intuzat mill-konvenuta peress li direttur kellu fakolta juza karozza tal-kumpanija u billi l-konvenuta kienet mart direttur setghu juzawha meta kienet tkun disponibbli fil-garage tal-Percius. Meta tkun ser issir kirja kienet tinghata lura u tittiehed ohra flokha.

Huwa ipprezenta prospett tal-ammont mitlub mill-konvenuta ghall-uzu tal-vettura in kwistjoni (fol. 377 et seq. tal-process). In kontroezami xehed li kien l-arrangament li kull direttur u n-nisa u l-irgiel taghhom setghu juzaw karozza tal-kumpanija sakemm il-kumpanija ma jkollhiex bzonnha lura biex tikriha. F'dak il-kaz jekk ikun hemm karrozza ohra disponibbli setghet tintuza minflok dik ritornata. Xi diretturi dilettanti tal-karozzi kellhom preferenza ghal karozzi partikolari u kienu juzaw lilhom meta jkunu disponibbli. Hu Mario kellu preferenza ghal karozza Mercedes li kien juza meta disponibbli. Qal li hu u martu x'aktarx juzaw Peugeut 307 jew 308. Sostna li ebda sieheb jew siehba ta' diretturi ma jmur jakkumpanja diretturi fix-xiri tal-vetturi tal-kumpanija. Rigward il-vettura in kwistjoni xehed li meta ma kinitx tkun mikrija kienet tehodha l-konvenuta ghax kienet tippreferiha u kienet taqla hafna problemi jekk ma tinghatax lilha. Hadd mid-diretturi jew zwieghom ma kien ihallas ghall-uzu. Qal li

intilfu kirjiet tal-vettura in kwistjoni meta l-konvenuta irrifjutat li tirritornaha. Qal li lifespan ta' vettura hi ta' seba' jew tmien snin. Zied ukoll li hu u martu ghandhom vettura personali taghhom mhux tal-kumpanija. Esebixxa l-logbook ta' vetturi f'ismu u martu.

Michael Attard direttur ta' Attard Imports Limited xehed li s-socjeta attrici tixtri l-karozzi ghal kiri minn ghandhom. Rigward il-vettura mertu tal-kawza ftakar li Mario Fenech gie jinnegozja dwarha u fil-fatt gieli gie f'okkazjonijiet ohra ukoll u xi kultant huh Alex Fenech. Il-vettura riedha biex jikriha. Esebixxa lista ta' vetturi li s-socjeta attrici xtrat minghandhom bejn l-2005 u l-2009 (fol. 155 tal-process), biex jinkrew. Qal li l-hlas kien isir b'cheque mis-socjeta attrici. Hu ikkonferma l-ftehim tal-bejgh a fol. 8 tal-process u zied li l-firmatarju Frank Fenech jigi hu Mario Fenech u kull ftehim dejjem hargu fuq ismu ghalkemm kien isir normalment ma' Mario Fenech. In kontroezami ikkonferma t-taxxa preferenzjali fuq 'K' plate spiccat fl-2008. Zied li jekk tinbiegh vettura b' 'K' plate ma hemmx aggustament li jsir fuq taxxa.

Is-socjeta attrici esebiet road accident report u survey tal-hsarat (fol. 158 et seq. tal-process) fil-vettura mertu tal-kawza.

Stephen Cachia amministratur fid-direttorat ghat-trasport fuq l-art ikkonferma li l-vettura hi registrata fuq is-socjeta attrici u l-licenzja taghha skadiet fil-31 ta' Mejju 2012. Zied li mill-11 ta' Frar 2011 sat-2 ta' Ottubru 2014 kien hemm b'kemm jiswew €431.13 citazzjonijiet mhux imhallsa. Ghalaq billi qal li mhix responsabilita tad-dipartiment x'isir mill-vettura sakemm jithallsu l-licenzji pendenti. In kontroezami xehed li sal-2010 karozza li tohrog bil-'K' plate kienet thallas taxxa preferenzjali ta' registrazzjoni ta' 30% fuq il-valur tal-vettura basta tibqa' bl-istess plate ghal 36 xahar. Wara l-2010 karozzi tal-kiri kellhom 'QZ' bhala plate. Hu esebixxa sensiela ta' dokumenti li juru vetturi passati u prezenti tas-socjeta attrici.

George Stagno Navarra ghal Elmo Insurance xehed li l-vettura kienet assikurata ma' Elmo minn Frank Fenech Percius Garage. Ma sarux claims fuq il-vettura in kwistjoni. Sar rapport li kien hemm incident fis-7 ta' April 2011 pero billi ma saret ebda claim l-assikurazjzoni ma hallsitx (Dok. EL fol. 177 tal-process). Dak iz-zmien il-vettura

kienet assikurata sal-31 ta’ Mejju 2012. Fil-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2014, id-difensur tal-konvenuta ikkonferma li l-firma fuq ir-rapport hu tal-konvenuta. In kontroezami xehed li l-poloz kollha mahruga mill-Elmo lis-socjeta attrici huma kollha ghal karozzi tal-kiri. Esebixxa wkoll lista ta’ claims li saru sal-2010.

Stephen Conti ghan-nom ta’ Atlas Insurance xehed illi l-konvenuta talbet u ottjeniet assikurazzjoni third party fuq il-vettura EBK637 fit-23 ta’ Mejju 2011 b’effett mill-1 ta’ Gunju 2011 sal-31 ta’ Mejju 2012, izda giet kancellata b’effett mit-28 ta’ Gunju 2011 wara li l-avukat ta’ Percius Car Hire Limited infurmathom b’ittra tal-21 ta’ Gunju 2011 li l-vettura ma kinitx proprjeta tal-konvenuta izda tal-kumpanija u li kienet assikurata ma’ Elmo u qatt ma awtorizzaw l-assikurazzjoni ma’ Atlas (ara dokumenti a fol. 184 et seq. tal-process).

Gie prezentat rapport mis-surveyor appuntat mill-Qorti Joseph Zammit li ikkonstata l-hsarat estensivi fuq il-faccata tal-vettura kawza ta’ habta, kif ukoll hsarat ohra fil-genb kollu tal-lemin u l-luggage boot, is-saqaf, it-tapezzerija ta’ gewwa li mhux kompatibbli mal-habta izda ma’ hsara volontarja. Hemm ukoll hsarat fil-magna u s-sistema elettronika.

Marisa Polidano rapprezentanta ta’ Atlas ukoll xehdet li l-konvenuta giet ma’ missierha u riedet tassigura l-vettura third party sakemm il-vettura tghaddi fuq isimha skont ma qaltilhom l-istess konvenuta. Hi xehdet li hafna mid-dettalji tal-proposal form kienu ghad iridu jigu verifikati. Hi pero xehdet li d-decizjoni biex tigi terminata l-polza ittiehdet mill-konvenuta ghax il-karozza kienet garaged ghalkemm f’seduta sussegwenti xehdet li kien hemm xi kumplikazzjonijiet u gew avvicinati min terzi fuqha. L-ittra ufficjali li baghtet l-Atlas kienet biex tigi ritornata l-polza ta’ assikurazzjoni ghalkemm ma tafx ghaliex intbaghtet xhur wara li giet terminata l-polza.

Leanne Cutajar rapprezentanta tal-Atlas xehdet li baghtet email bil-kontenut tal-proposal form lil Percius Car Hire Limited fit-30 ta’ Mejju 2011.

Brian Farrugia ghat-Trasport Malta xehed li thallset il-licenzja fuq il-vettura fis-27 ta' Mejju 2011 bis-sahha ta' assigurazzjoni mahruga mill-Atlas fit-23 ta' Mejju 2011. Is-sid kien Percius Car Hire Limited. L-Awtorita ma tqis min ikun gie ihallas il-licenzja. F'dak iz-zmien ma kienx hemm kontravvenzjonijiet pendenti fuq il-vettura. Qal li l-polza giet kancellata u x'aktarx intbaghtet ittra ufficjali lis-sid biex jigi infurmat. Ma irrizultalux li l-licenzja giet ritornata ghalkemm din jispiccalha l-effett.

Mario Fenech direttur tas-socjeta attrici fiz-zmien li inxtrat il-vettura in kwistjoni qal li kien ilu direttur mindu infethet il-kumpanija u dam hekk sa Novembru 2010. Billi l-kumpanija kienet tal-ahwa, kienet policy li l-ahwa setghu jinqdew bil-karozzi tal-kumpanija specjalment min ma kellux wahda bhal ma kien hu. Il-karozza in kwistjoni inxtrat f'Mejju/Gunju 2007. Hu jixhed li l-karozza inxtrat mill-kumpanija u hallset ghaliha hi. Hu ma hareg xejn personalment. Hu insista li l-vettura ma inxtratx bhala rigal lil martu f'gheluq il-25 sena miz-zwieg billi inxtrat sena u hames xhur qabel dan l-anniversarju. Hu insista li l-ghazla ta' vettura convertible ittiehdet minnu u hutu skont il-bzonnijiet ta' dak iz-zmien tal-kumpanija. Kien mar hu u impjegat tal-kumpanija jixtriha, u inzammet fil-garage tal-kumpanija kif jigri solitament meta jinxtraw karozzi ghal kumpanija. Il-vettura inkriet mill-ewwel u baqghet tinkera tul iz-zmien. Hu gieli hadha ghall-uzu personali tieghu meta ma tkunx mikrija. Il-kumpanija kienet tiehu hsieb l-insurance, licenzja, servicing u anki xiri ta' diesel. Martu kienet toghgobha l-karozza u kienet tuzaha ghal perjodi mhux qosra anki gimghat meta ma tkunx mikrija kif kienet ukoll tuza karozzi ohra tal-kumpanija meta mhux mikrija. Hu stqarr li minn dejjem kien hemm problemi bejnu u l-konvenuta fiz-zwieg u iggravaw fl-2010 tant li infethu proceduri ta' separazzjoni personali u anki kriminali. Hu kien talabha tirritorna l-karozza in kwistjoni li f'dak iz-zmien kienet f'idejha u rifjutat u kellha incident tat-traffiku u anki ghamlet diversi kontravvenzjonijiet. Ghalkemm martu tghid li z-zwieg tkisser tort tieghu pero irrizultalu fl-2016 li dak li rabba bhala ibnu ma kienx tieghu. Fil-kontroezami xehed li inxtraw zewg vetturi convertible, wahda dik in ezami u ohra Mercedes li gieli jsuq hu jew wiehed minn hutu izda s-suq tal-kiri ghalihom naqas sepcjalment il-Mercedes peress li hi gholja fil-prezz ghal kiri. Qal li l-karozza mertu tal-kawza gieli ma inkrietx ghax martu ma kinitx tkun trid tirritornaha u kien icedilha biex ma jaqlax glied. Qal li l-verttura b' 'K' plates kienu jhallsu 30% fiss ghar-registrazzjoni taghhom. L-insurance u s-service thallas

ghalihom is-socjeta attrici. Qal ukoll li meta vetturi tas-socjeta jasal iz-zmien taghhom li jitnehhew gieli xtrawhom membri tal-familja. Hemm ohrajn li ma jintuzawx sakemm jinstab il-bejgh taghhom billi mhux tajba ghal kiri.

Stephen Sacco, rapprezentant ta' Michael Attard Limited xehed li s-socjeta attrici ghadha tixtri vetturi minghand Michael Attard Limited u li llum il-gurnata l-karozzi jigu registrati QZ u mhux K.

John Stagno Navarra, rapprezentant ta' Elmo Insurance Limited, prezenta lista ta' vetturi ta' Percius Car Hire u Percius Services Limited li huma assigurati ma' Elmo Insurance Limited. Spjega li l-poloz kollha huma mahsuba biex jassiguraw vetturi tal-kiri.

Il-konvenuta xehdet li l-karozza in kwistjoni inghatat lilha minn zewgha fil-25 ta' Ottubru 2008 bhala rigal tat-tieg. Kienet tinzamm fil-garage tad-dar ma tintuzax, pero gieli kienet ghand il-Percius Car Hire. Hija xehdet li mindu zewgha Mario beda jahdem full time fil-kumpanija tal-familja fl-1991 u l-kumpanija ziedet fil-flotta tal-vetturi bdiet issuq vetturi tal-kumpanija li kienu tal-kiri, bl-eccezzjoni tal-vettura mertu tal-kawza. Hadd hliefha u zewgha ma kienu jsuqu din il-vettura, ghalkemm l-assikurazzjoni, licenzja u service tahseb li kienu jithallsu mill-kumpanija. Hi qalet li zewgha ried jixtri Mercedes u mar l-Ingilterra jixtriha. Kemm hi u zewgha riedu jixtru vettura convertible fl-2007 ghalkemm zewgha xtaq li tkun tal-marka Peugeot. X'hin ratha ghogbitha hafna u meta ingiebet marru Ghawdex biha. Zewgha kien juza l-karozza l-aktar fil-weekends u kien ipoggiha lura fil-garage tal-kumpanija, pero kien jghidilha li hadd ma juzaha. Meta l-Mercedes waslet Malta fil-bidu tal-2008, il-vettura in kwisjtoni giet permanentement id-dar u l-Mercedes kienu juzawha fil-weekends. Giet registrata fuq il-kumpanija biex tigi frankata t-taxxa. In oltre meta kien riesaq l-anniversaju u staqsietu x'ser jaghtiha kien qalilha li ta l-karozza in kwistjoni bhala rigal. Qalilha li hareg il-flus ghal Mercedes u l-Peugeot minn butu. Hi cahdet li qatt inkriet. Hu minnu illi hut Mario u zwieghom u wliedhom kienu juzaw karozzi tal-kumpanija pero dan bl-eccezzjoni tal-Mercedes u l-Peugeot in kwistjoni. Zewgha biegh il-Mercedes fl-2017 u xtara ohra bl-istess plates SLK200. Ziedet li zewgha kellu flotta ta' vetturi personali tieghu li kienu jinkrew u l-kirja kien idahhalha hu. Qalet

ma taf b'ebda okkazzjoni meta l-vettura telqet mill-pussess taghha u kienet tintuza kontinwament specjalment ghal attivitajiet tat-tifel. L-inkwiet fuq il-karrozza beda wara li bdiet proceduri ta' separazzjoni billi zewgha zamm il-logbook, ma geddidx l-insurance u hadilha c-cavetta ghalkemm il-pulizija geghluh jirritornaha. Wara li bdiet il-kawza ta' separazzjoni n-number plates tal-vetturi li kienu juzaw hut zewgha u zwieghom bdew jinbidlu minn 'K' plates ghal plates ta' karozzi privati. Qalet ukoll li meta xtraw l-ewwel vettura 'K' plate fl-2000 harget parti mill-flus. Kull tlett snin zewgha kien ibiegh il-karozzi li jixtrilha u jixtri ohra.

In kontro-ezami xehdet illi l-vettura misjuqa minn Angela Fenech kienet ukoll inxtrat mill-kumpanija attrici ghal skopijiet ta' evazjoni ta' taxxa, u imbaghad daret fuq isem Fenech wara s-separazzjoni personali minn ma' zewgha. Innegat illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinkera mis-socjeta attrici fl-2007 u fl-2008 u qalet illi r-ricevuti prezentati mis-socjeta attrici huma foloz. B'referenza ghad-dikjarazzjoni maghmula fir-risposta guramentata taghha illi hija kellha a disposizzjoni taghha tlett vetturi, inkluz dik in kwistjoni, qalet illi kien hemm aktar minn tlett vetturi a disposizzjoni taghha u li hija kienet tqishom bhala taghha ghaliex kienu inghataw lilha, minkejja li kienu registrati fuq isem il-kumpanija attrici u li kienet il-kumpanija attrici li thallas l-assikurazzjoni u l-licenzja ta' dawn il-vetturi. Mistoqsija ghalfejn kienet hallset il-licenzja hi fl-2010 wiegbet illi dak iz-zmien kienet telqet lil zewgha li ma riedx ihalliha tuza l-vettura aktar u s-socjeta attrici irrifjutat li thallas il-licenzja. Hija riedet li l-assikurazzjoni tkun imhallsa ghaliex ma xtaqitx issuq karozza li ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida, u ghalhekk kienet qalet lil missierha biex jirrangalha xi haga ma' Atlas Insurance peress illi kien jaf lil xi nies hemmhekk, u hija semplicement iffirmat il-formola ta' applikazzjoni li kien ghaddielha missierha. Innegat illi kienet iffirmat xi formola sabiex ir-registrazzjoni tal-karozza tigi trasferita ghal fuq isimha. Mistoqsija ghalfejn kienet qed tghid li hija qatt ma marret ghand Atlas meta fix-xiehda precedenti taghha kienet qalet li kienet marret thallas l-assikurazzjoni hija ghaliex is-socjeta attrici ma riditx thallasha, insistiet li hija qatt ma marret personalment ghand Atlas u ziedet li probabbli mar missierha u probabbli f'isimha.

Binha Jean Fenech xehed li safejn jiftakar il-vettura EBK637 dejjem kienet fil-pussess ta' ommu u kienet twasslu kullimkien fiha.

Angela Fenech mart Alex Fenech xehdet li gieli saqet vettura tal-kumpanija pero kellha karozzi second hand registrati fuq isimha mixtrija minghand il-kumpanija attrici, minn flusha. Uliedha ma kellhomx access ghal vettura tal-kumpanija attrici sakemm f'xi okkazzjoni eccezzjonali thallew juzaw xi wahda.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-vettura EBK637 hi proprjeta tas-socjeta attrici. Dan jirrizulta mhux biss mix-xiehda tad-diretturi tas-socjeta attrici u d-dokumenti esebiti mal-att promotur izda wkoll min Michael Attard ta' Michael Attard Limited li bieghu diversi vetturi ghal kiri lis-socjeta attrici. L-istess Michael Attard xehed ukoll illi l-hlas ghal vettura sar mis-socjeta attrici. Elmo Insurance, is-socjeta assikurattrici tal-vettura wkoll ikkonfermat li l-assikurazzjoni ghal vettura kienet maghmula favur is-socjeta attrici. Stephen Cachia, amministrattur fi Transport Malta ikkonferma li l-vettura tghajjat lis-socjeta attrici b'licenzja li skadiet fil-31 ta' Mejju 2012. Dawn il-provi jikkostitwixxu prova necessarja biex is-socjeta attrici tmexxi l-kawza l-quddiem bhala sid tal-vettura in kwistjoni.

Il-konvenuta tressaq l-eccezzjoni li ghalkemm fl-apparenza l-vettura issejjah lil kumpanija attrici, pero din kienet inxtrat min zewgha Mario wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici ghaliha bhala rigal tal-anniversarju tat-tieg. Ir-raguni ghaliex inxtrat f'isem is-socjeta attrici kien sabiex tigi frankata parti mit-taxxa tar-registrazzjoni billi karozzi tal-kiri kienu jhallsu inqas taxxa f'dak iz-zmien. Izzid li l-hlas sar personalment min zewgha. Ghalhekk effettivament il-vettura hi tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenuta ma ressqet ebda prova biex issostni dan kollu. Effettivament il-vettura inxtrat zmien qabel l-anniversarju tat-tieg imsemmi mill-konvenuta. Il-konvenuta ippruvat tressaq prova illi diretturi ohra u n-nisa u rgiel taghhom kienu juzaw vettura tal-kumpanija b'mod esklussiv izda ukoll ma giebet ebda prova konvincenti a rigward. L-unika prova li harget hu illi d-diretturi u n-nisa jew irgiel taghhom kellhom il-fakolta li juzaw vetturi tal-kiri tal-kumpanija ghall-uzu personali taghhom pero jirritornawhom hekk kif tinqala kirja ghal vettura. In oltre hu minnu li

jirrizulta li xi diretturi kellhom xi preferenza fl-uzu ta' karozza minn ohra pero ma irrizultax dak li allegat il-konvenuta illi dawn il-vetturi kienu tal-persuna li issuqha jew li kellhom uzu esklussiv taghhom. Anki l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-vettura in kwistjoni dejjem kienet fil-pussess esklussiv taghha hu michud mid-dokumenti tal-kirja tal-vettura a fol. 115 et seq. tal-process. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi li l-fatturi esebiti mis-socjeta attrici gew iffalsifikati, l-ebda prova ta' dan ma tressqet mill-konvenuta, u dan oltre illi s-socjeta attrici esebiet ukoll l-ircevuti fiscali relattivi li jikkoroboraw dawn il-fatturi. Hi l-fehma tal-Qorti ghalhekk illi l-eccezzjoni tal-konvenuta illi l-vettura EBK637 kienet proprjeta tal-konjugi Fenech ghalkemm registrata f'isem is-socjeta attrici ma issib ebda fundament fil-fatt u l-ligi.

Isir accenn ghal parti minn eccezzjoni fejn il-konvenuta tallega li hafna mid-danni reklamati huma preskritti. Pero billi ma issemma ebda artikolu tal-ligi in sostenn ta' dan, din l-eccezzjoni mhix ser tigi konsidrata. Fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati ikopru perjodu bejn l-ahhar tal-2010 u 2011 u l-kawza saret fl-2011. Kwindi ma hemm ebda trapass ta' zmien li jista' b'xi mod jikkostitwixxi xi bazi ghal xi eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

La darba s-socjeta attrici ghandha l-jedd u titolu ta' proprjeta ghal vettura in kwistjoni, wiehed irid iqis it-talba attrici ghad-danni fl-isfond tal-fatti ippruvati. Fl-ewwel wahda mill-partiti ghad-danni is-socjeta attrici qed tirreklama kumpens ghall-uzu tal-vettura mill-konvenuta kontra l-volonta u l-awtorizazzjoni tas-socjeta attrici. Dan il-kumpens hu kwantifikat bhala kirja ta' kuljum ghal vettura. Il-Qorti tqis illi r-relazzjoni bejn il-konvenuta u s-socjeta attrici hi fl-aghar ipotesi wahda ta' tolleranza kif tallega s-socjeta attrici mill-mod kif ressqet il-provi u fl-ahjar ipotesi wahda ta' precarium. Il-Qorti tqis li r-relazzjoni bejn is-socjeta u d-diretturi u zwieghom ma kinitx ta' tolleranza izda wahda ta' uzu bil-kondizzjoni li l-oggett ossia l-vettura tigi ritornata malli tintalab lura. Ghalhekk it-talba attrici tista' tinqara fl-isfond ta' dan il-kuntest legali. Jirrizulta illi l-konvenuta naqset li tirritorna l-vettura wara li giet mibghuta lilha ittra fl-4 ta' April 2011 li giet ritornata lis-socjeta attrici mill-konvenuta u bi protest gudizzjarju tas-16 ta' Mejju 2011 fejn giet interpellata tirritorna l-vettura u thallas id-danni kollha kagunati. Jidher li l-vettura ghadha sallum fil-pussess tal-konventua avolja sar mandat ta' qbid fis-27 ta' Mejju 2011 li skont il-marixxall ma giex ezegwit

ghax il-konvenuta irrifjutat li taghti access. Dan in-nuqqas flagranti tal-konvenuta li tirritorna l-vettura tesponi lil konvenuta ghad-danni li setghet sofriet is-socjeta attrici. L-istess socjeta attrici tippretendi hlas ta' kirja ta' €58 kuljum miz-zamma tal-vettura mill-konvenuta li skont l-istess socjeta jibda minn Settembru 2010 saz-zmien li l-vettura tibqa' fil-pussess tal-konvenuta. Ipprezentat prospett li sal-2016 kien ilahhaq is-somma ta' €116,590 (fol. 760-762 tal-process). Il-Qorti tqis li d-danni ghandhom fl-ewwel lok jigu pruvati u fit-tieni lok iridu jkunu proporzjonati u ragonevoli. Is-socjeta attrici qed tqis illi l-konvenuta ghandha thallas €58 kuljum qisu l-vettura kienet mahruga lilha. Pero s-socjeta attrici naqset li iggib prova li din il-vettura kellha l-potenzjal realistiku ta' kirja kuljum. Anzi l-provi juru illi bejn l-2007 sal-2010 is-socjeta attrici gabet prova biss li inkriet tlettax-il darba b'kollox 50 jum. Il-Qorti ghalkemm tikkunsidra li s-socjeta attrici seta' kellha telf minn nuqqas tal-vettura fil-pussess taghha biex tikriha lil terzi, pero l-istess direttur Mario Fenech xehed li s-suq ghal dawn il-vetturi naqas malli inxtrat flimkien ma' vettura Mercedes. Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida b'mod abitrio u boni viri t-telf soffert mis-socjeta attrici minhabba n-nuqqas ta' disponibilta tal-kiri tal-vettura fis-somma ta' €3,000, u din is-somma qed titiehed in konsiderazzjoni ghal fatt li l-vettura kellha erba' snin fl-2011 u ghalhekk kienet gia bdiet tiqdiem.

It-tieni partita ta' danni tirrigwarda s-somma ta' €372.44 hlas ta' multi ghal kontravvenzjonijiet in konnessjoni mal-imsemmija vettura. Ghalkemm mid-dokument esebit a fol. 24 tal-process jirrizulta li bejn l-14 ta' Novembru 2010 sal-24 ta' Mejju 2011 saru kontravvezjonijiet dawn ma jinkwadrawx ruhhom bhala dati ma' xi kirja lil terzi f'dawk iz-zminijiet u billi l-konvenuta kienet fil-pussess tal-vettura kif tixhed hi stess ghandha tirrispondi ghal dawn il-hlasijiet. Din is-somma trid tigi rifuza lis-socjeta attrici mill-konvenuta.

It-tielet partita tirrigwarda danni li l-konvenuta ikkagunat fil-vettura in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' April 2011 u hsarat ohra fil-vettura kif ukoll hlas ta' excess. Rigward l-incident dan jirrizulta mir-road accident report a fol. 159 tal-process minn fejn jidher car illi l-incident sehh meta l-konvenuta kienet issuq il-vettura bla l-permess jew l-awtorizzazzjoni tas-sid u skont dak li jirrizulta mill-istess road accident report il-konvenuta tghid li baqghet hierga minn fuq stop sign ghax

kienet aljenata. Din id-dikjarazzjoni a tempo vergine, mhux michuda mill-konvenuta, tirrendiha responsabbli verso s-socjeta attrici ghal hsara kagonata liema hsara hi kwantifikata skont survey tas-socjeta assikuratrici fl-ammont ta' €1,429.42. It-tiswija ma saritx ghax il-vettura baqghet ghand il-konvenuta u s-survey tal-espert nominat mill-Qorti Joseph Zammit tal-2015 jindika li l-vettura kellha hsarat ohra fil-body u tapezzerija u ma kinitx tahdem ghax seta' kellha xi hsara fis-sistema komputerizzata. Illum din il-hsara x'aktarx saret aghar bit-trapass taz-zmien u billi issa l-vettura ghandha aktar minn tnax-il sena, il-probabilta hi li ma jaghmilx sens li l-vettura tissewwa minhabba l-hsara u l-eta li ghandha.

Il-Qorti tqis li l-konvenuta naqset li ma irritornatx il-vettura izda zammitha ghandha nonostante mandat ta' qbid u din l-intransigenza taghha kompliet izzid mad-dannu lil vettura. Il-prezz tal-vettura meta inxtrat fl-2007 bhala gdida kienet ta' €24,691 izda maz-zmien il-prezz ikompli jonqos. Il-vettura illum trid tigi irritornata lis-socjeta attrici u billi l-konvenuta naqset li tirritornaha meta mitluba senjatament fi zmien il-kawza fl-2011 trid taghmel tajjeb ghal hsarat u konsegwenti deprezzament tal-valur tal-vettura waqt li l-istess vettura kienet fil-pussess tal-konvenuta kontra r-rieda tas-socjeta attrici kif ukoll nuqqas ta' possibilta ta' uzu bi qliegh da parti tas-socjeta attrici. Mir-relazzjoni tal-Espert Tekniku mahtur mill-Qorti jirrizulta illi fl-2011 il-vettura in kwistjoni kellha valur ta' €10,764. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €10,764 sabiex taghmel tajjeb ghad-danni u deprezzament fil-valur tal-vettura waqt li kienet fil-pussess taghha abbuzivament u xorta wahda ghandha tirritorna l-vettura fl-istat li hi.

Ghaldaqstant, id-danni dovuti lis-socjeta attrici huwa fl-ammont globali ta' erbatax -il elf, mija u sitta u tletin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€14,136.44).

Il-kjamat in kawza ressaq eccezzjoni fil-paragrafu numru tlieta tar-risposta guramentata tieghu illi huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-agir tal-konvenuta kien agir nociv, illegali u abbuziv u ghalhekk ma jistax jorbot jew jinkombi fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tosserva illi skont l-artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda

mill-partijiet fiż-żwieġ jaggrava fuq il-komunjoni tal-akkwisti hlief meta dak l-indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Ikkonsidrat il-provi quddiemha, il-Qorti taqbel mal-kjamat in kawza illi s-somma likwidata minn din il-Qorti m'hijiex dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Galadarba irrizulta lil din il-Qorti illi l-vettura in kwistjoni hija proprjeta tas-socjeta attrici, iz-zamma taghha mill-konvenuta wara li l-istess vettura giet mitluba lura mis-socjeta attrici tinkwadra ruhha, fl-ahjar ipotezi fl-offiza komunement maghrufa bhala raggion fattasi, ai termini tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u fl-aghar ipotezi fl-offiza ta' misapproprjazzjoni ai termini tal-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, id-danni sofferti mis-socjeta attrici waqt illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinzamm illegalment mill-konvenuta huma r-rizultat ta' kommissjoni ta' reat ta' natura volontarja da parti tal-konvenuta. B'hekk dan jesponi lill-konvenuta biss ghall-hlas tad-danni likwidati f'din is-sentenza. Huwa minnu illi l-konvenuta ma gietx misjuba hatja ta' xi wiehed mir-reat imsemmija minn qorti ta' gurisdizzjoni kriminali. Pero skont l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali u dik civili huma separati u indipendenti, u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jehtieg illi jkun hemm sejbien ta' htija kriminali sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk dejn huwiex tal-komunjoni tal-akkwisti jew le ai termini tal-artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili billi tikkonsidra jekk l-agir li kkawza d-danni mertu tal-kawza sarux a kawza ta' agir li jista' jikkostitwixxi reat volontarju. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Mario Fenech ghandha mis-sewwa u qed tigi milqugha.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' Mario Fenech u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju; tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Juanita Fenech; tilqa' limitatament it-tieni talba attrici u tilqa' in toto l-bqija tat-talbiet attrici u filwaqt illi tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici fir-rigward tal-vettura Peugeot 207 EBK 637, tordna lill-konvenuta tirritorna lura lis-socjeta attrici l-vettura imsemmija Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni EBK 637, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrci fl-ammont ta' erbatax-il elf, mija u sitta u tletin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€14,136.44) u

tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma hekk likwidata, bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;
Spejjez kollha, inkluz tal-kjamat in kawza, ghall-konvenuta Juanita Fenech.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur